MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 10/2007/1

John Baptist Zammit ghan-nom ta' Sound Effects

Vs

Joseph Vella ghan-nom ta' Serena Hotel Beach Club u b'digriet moghti llum il-Qorti ordnat korrezjoni fl-isem tal-lukanda li ghandu jaqra Hotel Serena Beach Club

Il-Qorti,

Rat l-avviz prezentat fit-22 ta' Mejju 2007 li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' tlett elef hames mija u erbghin lira Maltija (Lm3,540) dovuti mill-konvenut fuq somma akbar fuq satellita u xi apparat iehor relatat ordnat minnek u konsenjat skond ricevuta datata 16 ta' Frar 2006, numru 1141.

Rat ir-risposta prezentata mill-konvenut fit-22 ta' Gunju 2007 (fol. 6) li permezz taghha eccepixxa li:-

1. L-avviz prezentat fit-22 ta' Mejju 2007 hu null u bla effett ghaliex ma jindikax f'liema Qorti saret il-kawza billi ma hemmx markat jekk il-kawza saritx fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).

2. Il-konvenut m'huwiex legittimu kontradittur ghaliex Serena Hotel Beach Club bhala tali ma tezistix u ghalhekk ma seta' sar ebda ftehim maghha.

3. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex dak li gie konsenjat ma kienx tal-kwalita u lanqas tat-tip miftiehem u ma sar ebda xoghol mill-attur li tieghu jrid jithallas.

Rat in-nota prezentata mill-attur fis-16 ta' Novembru 2007 li biha rriduca t-talba tieghu ghas-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000).

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' April 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

(a) L-attur ghandu hanut bl-isem ta' Sound Effects f'Hal Qormi minn fejn ibiegh *"TV.Airconditioning.Hi-Fi.Satellite Systems"* (fol. 10).
(b) Il-konvenut hu general manager tal-lukanda Hotel Serena Beach Club u n-negozju hu tal-kumpannija Simon Touristique Limited.
(c) Il-konvenut kien talab lill-attur biex jaghtih stima biex jixtri sistema ta' *satellite reception*.
(d) L-attur ta stima lill-konvenut ghal ghoxrin (20) *satellite receivers*, stallazzjoni u tnehhija ta' sistema antika fil-Hotel Serena Beach Club. L-istima ggib id-data tas-16 ta' Gunju 2005 u ntbaghatet lill-konvenut permezz ta'

email (fol. 10). L-istima tinkludi l-apparat u materjal iehor mehtieg (Lm4,500) u xoghol ta' stallazzjoni (Lm1,000).

(e) Fit-28 ta' Gunju 2005 l-attur ircieva depozitu ta' elf lira Maltija (Lm1,000). Il-bilanc fl-ammont ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) kellu jithallas mat-tlestija tax-xoghol. Inoltre skond ma jinghad fl-istess stima x-xoghol kellu jitlesta f'perjodu bejn ghoxrin (20) u hamsa u ghoxrin (25) gurnata mid-data tal-ordni[1].

(f) Fis-16 ta' Frar 2006 saret il-konsenja tal-apparat u nhareg kont (fol. 19) fejn jinghad li l-bilanc li kien ghadu dovut kien ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000). Dan id-dokument gie ffirmat mill-konvenut.

(g) L-apparat baqa' ghand il-konvenut. Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob li jithallas il-bilanc tal-prezz ghal *satellite receivers*, cjoe' elfejn lira Maltija (Lm2,000).

2. Fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2007 il-qorti ordnat li *"fl-ewwel faccata ta' l-avviz jigu ngassati l-kliem Qorti tal-Magistrati Malta"* (fol. 16). In-nuqqas li minnu jilmenta l-konvenut ma jista' jwassal ghal ebda nullita' in kwantu m'hemm l-ebda dubju li l-att gudizzjarju gie prezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex). Tant hu hekk li anke l-avviz ta' smiegh inhareg minn din il-Qorti. Kien ghalhekk altru milli evidenti f'liema Qorti giet prezentata l-kawza.

3. Ghal dak li jittratta t-tieni eccezzjoni din hi problema li l-Qrati ta' sikwit jiltaqghu maghha, u cjoe' fejn il-konvenut jallega li m'huwiex legittimu kontradittur ghaliex il-ftehim sar ma' kumpannija u mhux mieghu. Ghalhekk hu evidenti li l-argument tal-attur hu li m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-konvenut. F'dan l-istadju l-Qorti ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 qeghda tordna korrezzjoni fis-sens li fl-avviz l-isem "Serena Hotel Beach Club" ghandu jaqra "Hotel Serena Beach Club" in kwantu mid-

[1] ***"Works will be completed in approximately 20-25 days from the date when we start in order to cause the least inconvenience to your hotel"***.

deposizzjoni tal-konvenut (seduta tal-15 ta' April 2008) jidher li dan hu l-isem korrett tal-lukanda.

Il-prezunzjoni hi fis-sens li kull parti tikkuntratta ghaliha nnifisha. F'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza li nghatat fil-kawza **D & S Lifts Limited vs Joseph Farrugia** deciza mill-Qorti ta' l-Appell[2] fis-7 ta' Mejju 2004: *"Is-socjeta` appellanti korrettement tippreciza l-principju tad-dritt rikavat minn normi stabbiliti fil-Kodici Civili, ex-art 999 u Art. 1001,* ***illi kull persuna kelha titqies u tigi prezunta li qed tikkuntratta f'isimha proprju sakemm ma tindikax li qed tikkuntratta ghan-nom u fl-interess ta' haddiehor****"*.

Mill-provi ma rrizultax li fit-trattattivi li ghaddew bejn il-partijiet qabel sehh il-ftehim, il-konvenut indika li hu kien qieghed jidher u jinnegozja f'isem il-kumpannija Saint Simon Touristique Limited. Kien obbligu tieghu li jaghmilha cara li hu qieghed jidher f'isem u in rapprezentanza tal-istess kumpannija. Hu minnu li mill-provi rrizulta li meta thallas id-depozitu ta' elf lira Maltija (Lm1,000) lill-attur, ic-cekk inhareg minn din il-kumpannija. Pero' l-Qorti hi tal-fehma li dan il-fatt wahdu mhuwiex bizzejjed bhala prova li **fiz-zmien li ntlahaq il-ftehim** l-attur kien jaf li l-attur m'huwiex qieghed jikkuntratta f'ismu personali imma li kien qieghed fl-interess u in rapprezentanza ta' persuna ohra. Ic-cekk ma jistax jitqies bhala xi prova konklussiva u inekwivoka li l-ftehim sar bejn l-attur u l-kumpannija. Inoltre, *"Dan anke ghaliex, kif saput, hu validu l-hlas li jsir minn terza persuna li ma jkollhiex interess fl-obbligazzjoni basta li din tagixxi f'isem u ghall-helsien tad-debitur (Art 1148(2) tal-Kodici Civili;* ***Kollez. Vol XLIX pII p681****)"*. Wiehed ghandu jiftakar li l-mument rilevanti hu dak meta jsir il-ftehim: *"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f' dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellhu jirrileva b' mod car u univoku illi f' dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f' ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta` attrici f' dak il-mument ghaliex altrimenti jkun*

[2] Imhallef P. Sciberras.

*qieghed jassumi personalment ir-responsabilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta"* (**John Vella *nomine* -vs- Anthony Vella *et***, Appell, 3 ta' Dicembru, 1999).

L-attur xehed li *"Jiena dejjem ma' Joseph Vella tkellimt. Hu qatt ma ndikali xi isem ta' kumpannija"* (fol. 13). Fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni hi minghajr bazi in kwantu m'hijiex sodisfatta li tressqu provi sodisfacenti li r-relazzjoni guridika tal-attur hi mal-kumpannija u mhux mal-konvenut. Rilevanti wkoll li meta nhareg il-kont datat 16 ta' Frar 2006 (fol. 19) gie ndirizzat lil: **"Serena Hotel Mr. Joe Vella"**. F'dak l-istadju ma jirrizultax li l-konvenut oggezzjona u anzi ffirmah[3] minghajr ma ghamel kwalifika li qieghed jidher ghan-nom tal-kumpannija Saint Simon Touristique Limited. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni ser tigi michuda.

4. Fil-mertu l-konvenut eccepixxa[4] li t-talba ghall-hlas hi nfondata ghaliex:-

(a) Dak li gie konsenjat ma kienx tal-kwalita' u lanqas tat-tip miftiehem. F'dan ir-rigward il-konvenut pogga d-difiza tieghu bhala wahda konnessa mad-diformita' tal-kwalita ta' l-apparat mixtri minghand l-attur; u li

(b) Ma gie esegwit ebda xoghol mir-rikorrenti li tieghu jrid jithallas.

Dwar l-eccezzjonijiet li nghataw il-Qorti tal-fehma li hi rilevanti s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell[5] **Veronique Amato Gauci et vs Marco Zammit et** deciza fid-19 ta' Mejju 2004 in kwantu gie osservat li:

*"Huwa principju maghruf illi l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f'kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-*

---

[3] *"Qieghed naghraf il-firma tieghi fuq dan id-dokument li jinsab esebit a fol. 19"* (seduta tal-15 ta' April 2008).
[4] Ara tielet eccezzjoni.
[5] Imhallef P. Sciberras.

*kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrizolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammenokke non si tratta minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva ex officio.*

*Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m'hiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku, altrimenti kwalunkwe kwestjoni legali tkun tista' tigi sollevata mill-Qorti, prattika din mhiex rakkomandabbli li tista' twassal ghal sitwazzjoni fejn il-Qorti tista' tiddecidi fuq eccezzjoni eccezzjoni taghha stess.*

*Fis-sistema gudizzjarja taghna l-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m'hijiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta' ordni pubbliku.* ***Dana billi, bhala norma, il-gudikant ghandu jiddeciedi l-kawza billi joqghod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet. <u>Huwa r-rwol tad-difensur tal-parti u mhux tal-gudikant li jiskogita difizi u eccezzjonijiet dwar kwestjonijiet legali</u>. Diversament il-Qorti tkun qeghda tesponi ruha ghal certi riskji ovvji meta tiddeciedi kawza fuq eccezzjoni li tissolleva hi stess, meta m'hijiex awtorizzata espressament li taghmel hekk*”** (enfazi u sottolinejar tal-Qorti).

Jekk wiehed kellu joqghod fuq l-eccezzjoni li nghatat mill-konvenut fil-mertu, m'hemmx dubju li:-

(i) Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova li l-apparat li gie konsenjat ma kienx *“ta' kwalita' u lanqas tat-tip miftiehem”*. L-oneru tal-prova kien jinkombi fuq il-konvenut. Hu maghruf li *“f'certu kazi l-konvenut bl-eccezzjoni tieghu isir attur in forza tal-principju reus excipiendo fit actor, u ghalhekk ikun obbligu tieghu li jipprova dak li jkun eccepixxa fl-istess azzjoni”* (**Elena Agius vs Giuseppe Ciancio nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Lulju 1939 – Vol. XXX.i.395). Il-konvenut

stess xehed li l-apparat li kkonsenjalu l-attur ghadu maghluq fil-kaxxa u m'hemmx dubju li fuq din il-bazi d-difiza tal-konvenut ma tistax tirnexxi;

(ii) L-attur m'huwiex jippretendi xi hlas ghal *mano d'opera*. Ghalkemm hu minnu li meta pprezenta l-kawza nkluda fiha l-hlas ghax-xoghol, fl-ewwel seduta rriduca t-talba tieghu b'tali mod li eskluda minnha s-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000). Minn qari tal-avviz hu evidenti (bl-eccezzjoni tal-ammont li ntalab originarjament) li l-attur qieghed jippretendi biss hlas tal-apparat li kkonsenja lill-konvenut u li baqa' ghandu.

L-eccezzjoni fil-mertu li nghatat mill-konvenut ma tiftehemx fis-sens li qieghed jinvoka l-eccezzjoni ta' l-*inadempleti contractus* fejn skond sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[6] fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Cremona vs Victor Angilleri** deciza fil-11 ta' Ottubru 1966: *"r-rekwiziti biex din l-eccezzjoni tirnexxi huma (1) l-inadempjenza ta' l-attur tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti ntegrali mill-ftehim, (2) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur, u (3) irid ikun hemm proporzjonalita` bejn l-inadempjenza tal-partijiet"*. Fil-kawza **Emmanuele Aquilina vs Salvatore Aquilina et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Marzu 1965 (Vol. XLIX.i.518) gie osservat li din l-eccezzjoni taghti dritt lill-parti li f'certu cirkostanzi, *"….hu jista jastieni ruhu milli jadempixxi l-prestazzjoni tieghu. B'dik l-eccezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minhabba fiha, l-attur ma jkunx hu stess ezegwixxa l-obbligazzjoni tieghu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni. Id-dritt ghal kontroprestazzjoni jibqa' ezistenti, imma jkun sospiz minhabba l-inadempiment ta' l-istess attur"*.

Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut biddel il-linja difensjonali fil-kors tal-kawza, fis-sens li fil-kors tax-xhieda tieghu sostna li l-attur kien abbanduna x-xoghol u ghalhekk kien inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali. F'dan ir-rigward il-Qorti

[6] Imhallef Maurice Caruana Curran. Saret riferenza ghal din is-sentenza mill-Qorti ta' l-Appell (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza **AX Construction Limited vs Tony Mallia Bonello** deciza fl-10 ta' Ottubru 2005.

thoss li hu rilevanti li taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Diane Gatt et vs Vincent Said** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Frar 2001:-

*"Una volta l-parti f'kawza tkun ghazlet triq ta' difiza tal-jeddijiet taghha, kemm bhala attur kif ukoll bhala konvenut, u procediet fuqhom bil-prezentata ta' azzjoni jew eccezzjoni, ma kienx konsentit lil dik il-parti illi f'dawk l-istess proceduri tibdel il-linja difensjonali taghha. Ma kienx hekk permess li taghmel f'kull kaz imma zgur li ma seta' jigi accettat qatt li jekk isir meta l-bidla fil-linja difensjonali proposta bl-eccezzjoni ulterjuri tkun tali li tbiddel kompletament il-bazi tad-dritt li biha l-konvenut jkun qed jiddefendi ruhu u anzi tkun in kontradizzjoni netta maghha"*.

5. Bla pregudizzju u f'kull kaz il-Qorti tistqarr li wara li kellha l-opportunita' li tisma' lill-partijiet jaghtu x-xhieda taghhom *viva voce* hi iktar propensa li temmen il-verzjoni tal-attur. Dan fis-sens li ghalkemm il-ftehim originali kien li l-apparat kellu jigi nstallat mill-attur, wara xi zmien il-ftehim kien inbidel fis-sens li l-konvenut kien ser jiehu hsieb jinkariga persuna min-naha tieghu. Dan in kwantu l-persuna minn Ghawdex (Frank Masini) li kien sab l-attur biex jinstalla l-apparat, kellu dizgwid mal-konvenut u ma komplix bix-xoghol u min-naha tieghu l-konvenut beda jinsisti li l-istallazzjoni ma ssirx minn *technician* li jopera minn gewwa Ghawdex. Il-Qorti hi moralment konvinta li dak li qal l-attur hu veru, fis-sens li kieku l-konvenut m'accettax li x-xoghol isir minn persuna minn Ghawdex ma kienx ser jaccetta l-inkarigu peress li *"jien ma stajtx bil-programm li ghandi nahli tlett (3) gimghat f'Ghawdex u x-xoghol tieghi ta' Malta li kelli Malta jieqaf kollu. Jiena ma kienx possibli ghalija li nibghat haddiem minn Malta u jaghmel tlett (3) gimghat shah jahdem Ghawdex"* (fol. 13). Il-Qorti ma temminx il-verzjoni tal-konvenut fis-sens li meta nqala' d-dizgwid ma' Masini l-attur *"…. Qalli ukoll li gej ikompli hu"* u li mbaghad qallu li ma setax ikompli bix-xoghol ghaliex l-apparat kien ghadu qieghed Malta. Jekk l-attur verament kien qal lill-konvenut li ser ikompli jwettaq ix-xoghol ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn ma

jkomplix bix-xoghol sakemm jasal l-apparat, u dan in kwantu l-*wiring* li kellu jsir (li qabel kien qieghed isir minn Frank Masini) ma kienx jiddependi mill-wasla tal-apparat. Dan apparti li m'huwiex verosimili li l-attur qal lill-konvenut li kien ser ikompli x-xoghol hu meta fl-istadju tan-negozjati u tal-ftehim kien ghamilha cara li ma kienx possibbli ghalih li jibghat nies minn Malta u li dan it-tip ta' xoghol ma kienx jaghmlu hu izda nies teknici li kien jinkariga minn zmien ghal zmien. Skond il-verzjoni li kompla jaghti l-konvenut, wara li saret il-konsenja tal-apparat l-attur qabad u minn jeddu abbanduna x-xoghol u minhabba f'hekk il-konvenut kien kostrett jixtri sistema minghand ditta ohra. Verzjoni li l-Qorti ma tqisx li hi verosimili gialadarba l-attur kien diga' kkonsenja l-apparat b'valur ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) li minnu kien ghadu rcieva biss depozitu ta' elf lira Maltija (Lm1,000) u meta l-attur kien mill-bidunett ghamilha cara lill-konvenut li x-xoghol ma kienx jahdmu hu u l-istima li kien ta kienet tqies li min ser jahdem ix-xoghol kien jopera minn gewwa Ghawdex. Il-konvenut xehed ukoll li baqa' jinsisti mal-attur li l-skond il-ftehim is-sistema kellha tigi nstallata f'perjodu bejn 20 u 25 gurnata. Pero' jekk kien hekk kif allura l-konvenut accetta l-konsenja tal-apparat (16 ta' Frar 2006) wara dawk ix-xhur kollha minn meta saret l-offerta ? Domanda li ghaliha l-konvenut ma ta l-ebda twegiba.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet li nghataw mill-konvenut u tikkundanna lil Joseph Vella sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75) ekwivalenti ghal elfejn lira Maltija (Lm2,000), bl-imghax b'effett mis-16 ta' Frar 2006.

Spejjez a karigu tal-konvenut. B'dan li kwalsiasi spejjez relatati mas-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ekwivalenti ghal elf lira Maltija (Lm1,000) li l-attur irrinunzja ghalihom fil-mori tal-proceduri, jkunu a karigu tal-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------